Minuti tal-Laqgħa Nru. 27 tal-Ħames Kunsill Lokali Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Ħamis, 18 ta' Ġunju 2009 fl-5.30 p.m.

| **Preżenti:** | il-Membri |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur John Schembri |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Victor Caruana<br>Dr. Frank Psaila<br>Is-Sur Joseph Piscopo A. Mus.L.C.M<br>Is-Sur Joseph Camilleri<br>Is-Sinjura Lucia Massa |
| **L-Uffiċjali:**<br>Is-Segretarju Eżek. | <br>Is-Sur Michael Borg |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Riferenzi għall-Minuti
3. Korrispondenza
4. Rapport ta' l-Awditur ---- 2008/2009
5. *Premises* tal-Kunsill
6. SkolaSajf 2009
7. Ħlasijiet

## 1. RAPPORT TA' L-AWDITUR 2008/2009

1.1 Fil-bidu tal-laqgħa ntalbu u ngħataw is-sospensjoni tar-regolamenti sabiex l-item li jikkonċerna r-Rapport ta' l-Awditur għas-sena 2008/2009 jiġi trattat bħala l-ewwel item ta' l-Aġenda. Hawnhekk is-Sindku stieden lis-Sur Joseph E. Scerri, l-Awditur maħtur mill-Gvern, sabiex jieħu postu mal-mejda u jippreżenta r-rapport finanznarju.

1.2 Fil-prezentazzjoni tiegħu s-Sur Scerri qal li l-*"provision for bad debts"* qiegħed dejjem jiżdied, tant li għal din is-sena żiedu bi €8,000 biex issa tela' għal €62,000. Żied igħid li bħala *"surplus"* għal din is-sena naqas. Jidher li dan kien dovut għax id-dħul finanzjarju tal-Kunsill mill-kontravenzjonijiet naqas ukoll.

1.3 Peress li ma kienx hemm domandi mill-Kunsillieri fuq ir-Rapport ta' l-Awditur, ir-Rapport ġie approvat.

## 2. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

2.1 Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa Nru. 26 li, peress li ma kienx hemm emendi għalihom, ġew approvati fuq mozzjoni tas-Sur Joseph Camilleri ssekondata mill-Kunsilliera Luċia Massa.

## 3. REFERENZI GĦALL-MINUTI

3.1 Riferenzi għall-Minuti ma kienx hemm.

## 4. KORRISPONDENZA

4.1 Is-Sindku ta resume' tal-korrispondenza kollha li daħlet sat-18 ta' Ġunju 2009, fosthom;

a) Ittra mill-MEPA li tinforma li s'issa s-sehem tal-Kunsill Lokali Luqa taħt l-*Urban Improvement Fund* kien ta' €943.37;

b) Ittra mill-Kappillan li tirringrazzja lill-Kunsill għax-xogħol li sar maġenb il-kappella tal-Vitorja f'Ħal Farruġ għall-okkazjoni taż-żjara pastorali li saret hemmhekk mill-Arċisqof Pawlu Cremona;

c) Memo 37/2009 mid-DGL dwar il-Garanzija Bankarja lill-MEPA fuq xogħlijiet ta' żvilupp;

d) E-mail ta' stedina mill-Onor. Dr. Chris Said għal seminar dwar il-Wirt Kulturali u l-Att ta' Kurazija;

e) Ittra minn Luqa Boċċi Club li titlob għajnuna mill-Kunsill Lokali sabiex ikun possibbli li l-*pitch* tal-Boċċi jiddawwar b'*fence* li għandu jgħin biex jinqatgħu l-allegati abbużi. Ma' l-ittra wkoll intbagħtet stima ta' l-ispiża nvoluta. F'dan l-istadju l-Kunsill qabel li jiltaqa' mal-Kumitat tal-Klabb tal-Boċċi biex magħhom jiddiskuti t-talba tagħhom.

- Ġiet innotata wkoll il-korrispondenza kollha tal-MEPA li daħlet sat-18 ta' Ġunju 2009.

## 5. *PREMISES* TAL-KUNSILL

5.1 Meta tkellem dwar il-Premises tal-Kunsill is-Sindku qal li kif diġa kellu l-okkażjoni li jgħid fl-aħħar laqgħa, kellha ssir laqgħa mal-Onor. Chris Said u mal-Onor. Mario Galea. Din il-laqgħa saret Kastilja nhar l-Erbgħa, 3 ta' Ġunju. Is-Sindku żied jgħid li waqt din il-laqgħa, l-Onor. Said ħareġ bi proposta li kienet simili mal-kontenut tal-mozzjoni li ppreżentaw Victor Caruana u Frank Psaila u li hu (is-Sindku) ma ressaqiex għad-diskussjoni peress li l-ewwel ried jara xi żvilupp jista' joħroġ mil-laqgħa mal-Onor Said u l-Onor. Galea.

Kompla jgħid li l-Kunsill dejjem insista li lill-anzjani nħalluhom fejn qegħdin u ma nċaqilquhomx minn fejn qegħdin preżentament. Tant huwa hekk li għamilna snin sħaħ infittxu xi forma ta' alternattiva bħala *premises* tal-Kunsill. Waqt li konna għaddejjin b'dan il-proċess, dejjem bqajna nżommu f'moħħna l-*policy* tal-Gvern Ċentrali dwar aċċessibilita' għal kulħadd. Kien għalhekk li fil-laqgħa ma' l-Onor. Chris Said u l-Onor. Mario Galea hu (is-Sindku) insista li, ladarba alternattiva ma nstabitx, jekk il-Kunsill jiġi trasferit għal Triq il-Ġdida, l-uffiċċji amministrattivi tal-Kunsill għandhom ikunu dawk tal-*ground-floor*.

Is-Sindku żied igħid li meta tkompliet id-dikussjoni fil-laqgħa ta' Kastilja, huwa (is-Sindku John Schembri) għamel il-proposta li jekk iridu li l-anzjani jibqgħu hemmhekk, il-Berġa tiġi trasferita għall-binja tal-Kunsill fi Triq il-Ġdida fejn jiġi nstallat lift għas-spejjeż tal-Gvern u l-Kunsill jieħu l-binja kollha ta' 49, Triq San Pawl, minn fejn preżentament qiegħed jopera l-Kunsill.

Il-partijiet kollha preżenti għal din il-laqgħa qablu mal-proposta tas-Sindku. Qablu wkoll li ssir żjara fuq il-post u wara li jikkonsultaw mad-dipartimenti direttament involuti, jagħtuna tweġiba jekk jaqblux jew le.

Żied igħid li din iż-żjara fuq il-post saret nhar il-Ġimgħa, 12 tax-xahar. Raw il-post. Jidher li qegħdin jaqblu mal-proposta, pero' sallum għad m'għandniex tweġiba finali.

Is-Sindku qal li peress li diġa għaddiet ġimgħa, irid jagħmilha ċara li l-kuntratt preżenti jagħlaq ġimgħatejn oħra, fit-30 ta' Ġunju, liema data għandha tiġi rispettata. U qiegħed jgħid dan, għax dan il-każ ma tqajjimx il-bieraħ. Imma aktar minn tliet snin ilu.

5.2 Is-Sur Victor Caruana qal li ma jfissirx li għax se jagħlaq il-kuntratt fit-30 ta' Ġunju 2009 u għax s'issa ma rċevejniex tweġiba, għandna naħsbu li l-awtoritajiet Ċentrali mhumiex se jaċċettaw il-proposta tas-Sindku. Is-Sur Caruana esprima ottimiżmu dwar dan u ssuġġerixxa li tinkiteb ittra biex l-awtoritajiet iħaffu l-proċess. Il-Kunsill qabel li tintbagħat l-ittra.

5.3 Dr Frank Psaila staqsa jekk il-mozzjoni li tressqet fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill kinetx se tiġi diskussa f'din il-laqgħa skond l-istess Minuti ta' l-aħħar laqgħa.

5.4 Is-Sindku wieġeb li l-proposta li ressaq hu (is-Sindku) fil-laqgħa li kellu Kastilja tmur ferm 'il bogħod minn dak li qiegħed jiġi suġġerit fil-mozzjoni li għaliha rrefera Dr. Psaila. Huwa għalhekk, sostna s-Sindku, li ma jarax għala dik il-mozzjoni għandha tiġi diskussa. Barra minn hekk jekk il-mozzjoni tiġi approvata, din torbot lill-Kunsill għal perijodu ta' sitt xhur.

5.5 Minn naħa tiegħu s-Sur Victor Caruana qal li bi dritt kien qed jinsisti li din il-mozzjoni tiġi diskussa.

5.6 Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scicluna qal li fid-dawl ta' l-insistenza tas-Sur Caruana kien qiegħed iressaq emendi għall-mozzjoni oriġinali. L-emenda tas-Sur Scicluna, issekondata mis-Sur Joseph Camilleri, kienet tgħid": " li wara l-kelma **"preżentament**" jidħol il-kliem: **"wara li jkollna risposta mid-dipartimenti konċernati u jsir il-ftehim."** Meta tkellem fuq din l-emenda s-Sur Scicluna qal li din kien qed jagħmilha peress li s'issa l-Kunsill m'għandu xejn bil-miktub min-naħa tal-Gvern Ċentrali.

5.7 Wara diskussjoni fuq l-emenda, din tressqet għall-voti u ġiet unanimament approvata. B'hekk il-mozzjoni oriġinali kif emendata u approvata ġiet tinqara hekk: **"Il-Kunsill Lokali Luqa mlaqqa' llum, 18 ta' Ġunju 2009 jirrisolvi li d-Day Centre f'Ħal Luqa jibqa' fil-post fejn jinsab preżentament wara li jkollna risposta mid-dipartimenti konċernati u jsir il-ftehim".**

## 6. SKOLASAJF 2009

6.1 Is-Sindku qal li għal din l-attivita' diġa hemm numru sabiħ ta' tfal li applikaw. Huwa fakkar li din l-attivita' se tibda fil-15 ta' Lulju 2009.

## 7. Ħlasijiet

7.1 Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kollha li daħlu sat-18 ta' Ġunju 2009 u li lista tagħhom ġiet ippreżentata mis-Segretarju Eżekuttiv.

- Peress li ma kienx hemm items oħra x'jiġu diskussi, fis-6.30 p.m. is-Sindku ddikjara l-laqgħa bħala magħluqa u aġġorna għal nhar il-Ħamis, 30 ta' Lulju 2009 fil-5.30 p.m.

➢ Konfermati llum 17 ta' Lulju 2009.

John Schembri
Sindku

Michael Borg
Segretarju Eżekuttiv